MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1826/2001/1

**Lourdes Muscat mart Mustapha Elkhiate**

**vs**

**Mustapha Elkhiate**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-12 ta Novembru tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) bir-rit civili biss skond ma kif jirrizulta mill-anness certifikat hawn mehmuz markat Dok “A”;

Illi ftit xhur biss wara c-celebrazzjoni taz-zwieg, il-konvenut telaq mid-dar konjugali u sahansitra telaq minn Malta u l-attrici rritornat tirrisjedi mal-genituri taghha u

ghadha tghix maghhom sal-gurnata tallum nonostante li zewgha gie lura Malta xi sena wara li siefer;

Illi l-kontendenti jinsabu legalment separati minn xulxin *ai termini* ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Margaret Heywood datat 12 ta Ottubru tas-sena elfejn u wiehed, Dok "B";

Illi l-kunsens taz-zewg partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) Kap 255 talLigijiet ta Malta**;

Illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti kien fil-mument taz-zwieg ivvizzjat stante li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta**;

Illi inoltre l-istess kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat stante li fil-mument taz-zwieg ma kellhomx setghat intelletwali jew ta rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta**;

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta'
Novembru tas-sena 1998 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-12 ta' Novembru 1998 huwa null u bla ebda effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2002 fejn il-konvenut ta' ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza, inghata digriet tal-affidavit lill-attrici t'erbghin jum, u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u prezentata tal-eccezzjonijiet ghas-7 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tal-attrici tal-1 t'April 2002 fejn permezz taghha gie esebit l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-10 ta' April 2002 fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda tal-konvenut a fol 20 u 21 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2001 fejn Dr Fenech Adami nforma lill-Qorti li kien ser jikkonkludi l-provi tieghu illum stess bil-procedura tal-affidavit. Inghata digriet ta' l-affidavit lill-konvenut t'erbghin jum u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 t'Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici tas-7 ta' Mejju 2002 fejn gew esebiti zewg affidavits ta' Anthony Muscat u ta' Matilda Muscat.

Rat in-nota tal-konvenut tal-11 ta' Gunju 2002 fejn permezz taghha esebixxa zewg affidavits tieghu stess u ta' Abdelkader Elkhiate.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI TAL-QORTI.

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha w iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u l-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dawn it-tliet premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) (f) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dan l-artikolu jghid illi:-

*19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’ mohha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta’ zwieg tista’ tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f’ dak iz-zwieg, u din id-disposizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi disposizzjoni ta’ ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f’ xi kaz bhal dan l-azzjoni tista’ tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kondizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista’ titkompla minn kull wiehed mill-werrieta.*

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut jidher li qed jammetti li hemm kaz ta’ annullament taz-

zwieg, u b' hekk gie li anke huwa jrid li dan iz-zwieg ikun annullat, xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 [2] Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f' kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub ("**Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri**" – Cit. Nru. 1264/94 per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fit-3 ta' Ottubru 1995 PA); u (**"Mario Testa vs Louise Testa nee Polster" -** deciza 30 ta' Mejju 2002 - Cit Nru 723/99/RCP).

Illi dwar l-ewwel difett l-attrici qed tikkontendi li kellhom il-partijiet meta ikkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom dan huwa ibbazat fuq dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:-

*19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-

nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.  Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale.  Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva.  In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio*

*e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta*

*dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda*, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a*

*unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. cit., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** **op. Cit., p. 687**).

Illi dwar dan l-istess subartikolu u ohrajn indikati f'din is-sentenza din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif mgharuf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivamenf eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe’ ‘fictio seu ostensio falsi pro vero’.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002) *“meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti il-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta’ *“l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”,* u cjoe’ simulazzjoni parzjali, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et”** (P.A.(NA) 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*“kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. (NA) 30 ta’ Jannar 1991) u fis-sentenza **“Grech vs**

**Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** *(*op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns,*** fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi l-ahhar raguni li ingabet ghat-talba ghal tali annulament hija dik abbazi tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*“(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’ mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.”*

**<u>II. Provi</u>**

Illi b’affidavit ta’ l-attrici **Lourdes Muscat** datat 22 ta’ Marzu 2002 hija sostniet is-segwenti:-

*“Illi l-esponenta qabel xejn terga tikkonferma bil-gurament taghha l-fatti minnha elenkati fid-dikjarazzjoni mehmuza u prezentata mac-citazzjoni.*

*Illi dak in-nhar taz-zwieg morna noqghodu f’post il-Mosta fejn kien gia jghix ir-ragel tieghi b’titolu ta kera. Ma morna fuq ebda honeymoon. Ir-ragel tieghi ma kellux xoghol regolari permanenti izda kien jitla’ ta kuljum Ghawdex ghax kien jilghab mat-tim tal-football ta Ghawdex. Dak iz-zmien Ghawdex kienu Premier Division. Zewgi kien jitlaq lejn Ghawdex ghal habta ta l-5.00pm u jirritorna dak in-nhar stess filghaxija. Kien qieghed fuq kuntratt li jiggedded minn sena ghal sena; jiena ma kontx nahdem u kont nghaddi l-gurnata tieghi bejn id-dar u bejn ghand ommi. Zewgi ta fil-ghodu kien imur ighin habib tieghu f’hanut gewwa tas-Sliema;*

*3) Illi ghalhekk mill-bidu nett taz-zwieg ftit li xejn konna naraw lil xulxin u bilkemm tista’ tghid li qattajna xi hajja konjugali flimkien.*

*4) Illi ghalkemm ma nistax nghid li konna niggieldu flimkien pero` l-problema taghna kienet li konna qisna zewg barranin nghixu taht l-istess saqaf u mhux tnejn minn nies li ghadhom kit inghaqdu fiz-zwieg. Komunikazzjoni kemm bil-kliem u aktar u aktar bl-ghemil*

*ftit li xejn kienet tezisti bejnietna biex ma nghidx xejn ghal kollox;*

*5) Illi wara xi sitta jew sebgha xhur taz-zwieg, zewgi qabad u telaq lejn il-Marokk minnghajr ma hadni mieghu - suppost kien ser idum hmistax il-gurnata biss - minnflok huwa ghamel sena shiha;*

*6) Tul din is-sena kemm dam il-Marokk, zewgi qatt ma kkomunika mieghi tant li gieli kont nahseb hazin u hsibtu li seta' gralu xi haga. Huh li jghix Malta wkoll kont nghidlu ighid lil zewgi biex icempilli pero` dan ta l-ahhar xorta wahda baqa' ma cempel qatt;*

*7) Illi meta zewgi kien skorra l-hmistax il-gurnata li suppost kellu jdum barra, jiena ma flahtx nghix wahdi d-dar u ghalhekk mort nghix mal-genituri tieghi gewwa l-Hamrun fejn ghadni hemm sal-gurnata tallum;*

*8) Illi meta zewgi gie lura, wara xi sena barra, jiena u zewgi qatt ma rgajna morna nghixu flimkien. Huwa mar joqghod fl-post ta qabel gewwa l-Mosta u jiena bqajt ma ommi l-Hamrun. Ghalkemm gieli tkellimna flimkien, pero` deher bic-car li ma kien hemm ebda rieda miz-zewg nahat li nergghu ninghaqdu bhala koppja mizzewga u nipprovaw insalvaw iz-zwieg; fil-fatt ftit taz-zmien wara s-separazzjoni fattwali ahna ffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni;*

*9) Illi tista' tghid li hekk kif bdejna nghixu flimkien taht l-istess saqaf dak in-nhar stess taz-zwieg, innotajna li ma konniex lesti ghal dan il-pass hekk importanti. Konna nahsbu b'mod individwali u egoistiku wisq u ma tantx kien jimpurtana mill-veduti u sentimenti tan-naha l-ohra. Ebda wiehed minna ma kien lest jissagrifika ruhu u/jew joqghod ghall-obbligazzjonjiet u pizijiet li ggib maghhom il-hajja mizzewga. Kif ghedt qabel, konna qisna zewg individwi taht l-istess saqaf;*

*10) Mill-banda l-ohra, kont naf ukoll li zewgi, peress li ta twemmin musulman, kien u ghadu taht l-impressjoni u ideja li ma kellu ebda problemi la civili u wisq anqas*

*religjuza biex jinhall minn din ir-rabta ta zwieg u/jew li jidhol f'relazzjonijiet ma nisa ohra. Ghalih, jiena kont semplicement il-mara tal-mument u xejn aktar. Dan immanifesta ruhu mil-ewwel jiem taz-zwieg;*

*11) Illi din l-attitudini ta zewgi affettwatni hafna tant li mill-bidu nett taz-zwieg, jiena donni bridt u ksaht lejh u ma ridtx naf aktar bih. Hassejtni li gejt uzata u ma xtaqtx nibqa' nkun mara tal-bzonn tal-mument biss. lndunajt li kont zbaljajt li hadt lir-ragel b'zewgi ghax irrejalizzajt li din ma kienitx ser tkun ghaqda ghal dejjem u/jew ghaqda li ser iddum wisq fiz-zmien - kif fil-fatt gara - iz-zmien tani parir ta' kif sehhew u zvolgew il-ftit avvenimenti taz-zwieg li kellna".*

Illi b'affidavit datat 7 ta' Mejju 2002 **Anthony Muscat** xehed li:-

*"1) Illi d-dikjarant jigi missier l-attrici Lourdes Muscat;*

*2) Illi xi xahar qabel iz-zwieg ta binti, hija kienet qaltli li kienet qed tkellem wiehed barrani u li x'aktarx kienet sejra tizzewgu. Jiena kont daqsxejn sorpriz peress li ma kelli ebda ideja li binti kienet qieghdha tohrog ma xi hadd bil-hsieb taz-zwieg;*

*3) Preparamenti ghaz-zwieg ma kien hemm xejn. Ta l-anqas jiena nista' nghid li la jiena u lanqas marti ma hadna l-icken sehem f'dan iz-zwieg taghha; Jiena u marti deherilna li ghalkemm ma konniex kuntenti b'din l-ghaqda sew ghax kien barrani, sew ghax kien ta fidi differenti minn taghna u sew ghaliex deherilna li ma tantx kienet tafu pero` hija kellha l-eta` taghha u ma stajniex nindahlulha;*

*4) Illi fil-fatt binti ftit li xejn kienet tghidilna dwar hajjitha ghalkemm kienet tghix maghna;*

*5) Illi lanqas bid-data taz-zwieg ma konna nafu tant li lanqas biss konna attendejna. Hija marret il-Belt wahedha*

*biex tizzewweg. L-ghada giet lura d-dar biex tigbor hwejjigha u tehodhom fid-dar taz-zwieg li kienet il-Mosta;*

*6) Illi qabel iz-zwieg, jiena u marti lanqas darba wahda ma rajnieh lir-ragel ta binti;*

*7) Illi wara z-zwieg, meta binti kienet tigi zzurna, ma kinietx tigi mar-ragel taghha ghax dejjem wahedha kienet tigi. Illi ghalhekk lanqas wara z-zwieg ma konna rajnieh lil zewgha. Kienet tghidilna li r-ragel taghha kien ikun dejjem Ghawdex ghax kien jilghab il-futbol.*

*8) Illi wara ftit xhur li kienu mizzewga, jiena rajt lil binti gejja lura d-dar taghna bi hwejjigha kollha. Meta ghednilha x'kien gara, qaltilna li zewgha kien sifer u li ma setghetx tissaporti aktar tghix fl-istess dar ma huh;*

*9) Niftakar li ta sikwit binti kienet tipprova ccempel fid-dar konjugali taghhom stess tal-Mosta biex issaqsi lil hu zewgha fejn setghet taqbdu u x'sar minnu; Sa fejn naf jien qatt ma hadet soddisfazzjon u kemm dam barra, qatt ma naf li rnexxielha tkellmu;*

*10) Illi fil-fatt lanqas biss naf li zewgha gie lura minn barra li kieku binti ma qaltlix bil-proceduri tal-annullament - li naf hu li binti baqghet u ghadha tghix maghna sal-gurnata tallum".*

Illi b'affidavit taghha **Matilda mart Anthony Muscat** sostniet illi:-

*"1. Illi d-dikjaranti tigi omm l-attrici Lourdes Muscat;*

*2. Illi jien qrajt l-affidavit li ghamel zewgi Anthony Muscat u filwaqt li qieghda hawn nikkonferma fl-intier il-kontenut tieghu, niddikjara li m'ghandi xejn aktar xi nzid."*

Illi l-**konvenut Mustapha Elkhiate** bl-affidavit tieghu sostna li:-

*"Jiena ta' nazzjonalita' Marokkina u gejt Malta fis-sena 1994 propju sabiex nilghab il-futbol f'Malta. Kien club tal-*

*futbol partikolari li kien ha hsieb jipprepara d-dokumenti mehtiega sabiex jiena inkun nista' nigi u nghix Malta u naqla' l-ghijxien tieghi minn din il-loghba. Sussegwentement jiena kont nilghab ma' diversi clubs u nista' nikkonferma illi l-unika xoghol li kelli Malta tul dawn is-snin kien dejjem bhala player tal-futbol".*

*"Ghal habta tan-1996-1997 jiena kont iltqajt mal-attrici Lourdes Muscat, izda dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejnietna. Kien biss ftit xhur qabel it-tieg, u cioe` xi erba' jew hames xhur qabel it-tieg li ahna bdejna nohorgu flimkien. F'dawk l-ahhar xhur ahna konna niltaqghu biss xi darba jew darbtejn fil-gimgha peress illi jien kont dejjem inkun impenjat bil-futbol. Ghaldaqstant, anke jekk kont ilni naf lill-attrici ghal zmien twil, ftit kont nafha sabiex stajna nibnu relazzjoni tajba ghaz-zwieg. Kif ghidt, jien dejjem tajt importanza lill-futbol, anke ghaliex kien bil-flus li kont naqla' minn din il-loghba li jiena kont insostni lili nnifsi u aktar tard lill-attrici".*

*"Ahna konna sempliciment iddecidejna li nizzewgu fir-Registru Pubbliku. Prezenti konna jiena, l-attrici, hija Abdelkader u l-mara tieghu, kif ukoll oht l-attrici, xi hbieb ta' l-attrici u neputijiet taghna. Sabiex niccelebraw din il-gurnata, wara c-cerimonja ghamilna ikla d-dar taghna. Il-genituri ta' l-attrici kienu jafu bit-tieg pero` ma kienux gew ghaliex huma kienu kontra li binthom tizzewweg persuna ta nazzjonalita' barranija. Fil-fatt ghalkemm lill-genituri taghha jiena nafhom, relazzjoni maghhom qatt ma kelli, u dan precisament minhabba din ir-raguni".*

*"Ghal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali, ahna konna morna noqghodu go dar il-Mosta li kienet mikrija ghandi minn qabel iz-zwieg. Nista' nghid illi dak iz-zmien, u cioe` fix-xhur ta' qabel iz-zwieg, l-attrici kienet hadet ftit interess fid-dar anke jekk wara hija kienet tilfet kull l-interess f'dan ir-rigward".*

*"Nista' nghid li jiena zzewigt lill-attrici ghaliex dak iz-zmien kont inqis lill-attrici bhala persuna matura u responsabbli, jew ghal anqas hekk immaginajt mill-ftit li sirt nafha fix-xhur qosra ta' l-gherusija. Wara pero` bdew jinqalghu*

*problemi varji minhabba diversi ragunijiet, u principalment peress illi l-attrici kienet dipendenti fuq ommha. Fil-fatt hija naqset milli tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, anke dawk bazici. Ghaldaqstant, mhux biss ma kienetx tahsel il-hwejjeg u ma kienetx tipprepara ikel, izda lanqas kienet tapprezza li jien ma kontx immur nilghab il-futbol biss ghall-gost izda biex naqla' l-flus li bihom konna insostnu lilna infusna. Iktar ma ghadda z-zmien, l-attrici iktar bdiet tqatta' hin ghand il-genituri taghha u dan sussegwentement wassal ghal nuqqas ta' komunikazzjoni bejnietna".*

*"Xi sentejn wara z-zwieg jiena kont mort il-Marokk bl-intenzjoni li nara lill-missieri, li dak iz-zmien kien ma jiflahx sew. L-intenzjoni tieghi kienet li nqatta' xi xahar hemmhekk, pero`, fic-cirkustanzi jiena kont domt xi tmien xhur. Ghalkemm gieli ikkomunikajt ma' l-attrici mill-Marokk, ma kienx ikun possibli li nikkomunika maghha iktar ta' spiss kemm minhabba ragunijiet finanzjarji kif ukoll minhabba limitazzjonijiet ohra. L-attrici qatt ma setghet tirrealizza din il-problema, u hi bdit tqis li jien kont abbandunajtha. Effettivament, meta jiena irritornajt Malta jiena sibt li hija ma kientx qeghda tghix fid-dar matrimonjali u kienet regghet irritornat ghand il-genituri taghha. L-attrici ma riedetx tisma' iktar bija minn hemm il-quddiem u hija rrifjutat li tirritorna tghix mieghi".*

*"Nghid ukoll li lanqas r-relazzjoni sesswali taghna qatt ma kient wahda tajba u dan ghaliex jiena kelli problemi fiziki konsistenti f'infezzjoni li rrendiet ir-relazzjonijiet sesswali ta' bejnietna diffici hafna. Ghalkemm din kienet tikkostitwixxi diffikulta' serja ghalina, l-attrici qatt ma setghet tifhem il-problema tieghi. Fil-fatt kellna xi nghidu diversi drabi f'dan is-sens u f'dawn l-okkazzjonijiet, bhas-soltu, l-attrici kienet sempliciment titlaq ghand ommha. Inzid nghid li jien ma nafx fil-verita' fejn kienet tkun peress illi jien ma stajtx incempel ghand il-genituri taghha, u dan ghaliex kif ghidt ir-relazzjoni tieghi mal-genituri taghha kienet minima".*

*"Minn dak li stajt nara fiz-zwieg, ghalkemm kif ghidt kont ilni nafha ftit wisq u pretendejt li hija kienet kapaci tifhem*

*x'inhu zwieg u tiehu l-obbligi taz-zwieg fuqha, irrealizzajt wara li effettivament l-attrici la kienet kapaci tifhem x'inhu zwieg u wisq inqas li kienet kapaci tiehu fuqha l-obbligi essenzjali ta' tali rabta. Fost kawzi ohra, id-dipendenza ta' l-attrici fuq ommha rrendit lill-attrici inkapaci biex tassumi fuqha tali obbligazzjonijiet".*

*"Da parti tieghi nista' nghid li jiena dhalt ghaz-zwieg bl-intendiment car tal-monogamija u l-indissolubilta', pero` nghid ukoll illi l-kultura li jiena trabbejt fiha affetwat ir-relazzjoni taghna fis-sens illi forsi kont nippretendi li l-mara kella r-rwol fiss taghha u hekk ukoll illi r-ragel kellu r-rwol fiss tieghu, tant illi jiena ma stajtx naccetta l-fatt li marti taghmel certu affarijiet jew tonqos milli taghmel certu affarijiet ohra filwaqt li da parti taghha ma setghetx taccetta l-fatt li jiena naghmel jew nonqos milli naghmel certu affarijiet. F'dan is-sens ma konniex disposti ninbidlu u dan propju ghaliex ma konniex kapaci nifhmu s--sagrificcju li kienet tirrikjedi minnha l-hajja mizzewga. Fil-fatt, qatt ma ghamilna l-ebda sforz sabiex nirritornaw ghal hajja mizzewga normali".*

*"Nghid ukoll li iz-zwieg taghna kien celebrat b'mod legger hafna u bi ftit preparamenti ghall-hajja mizzewga soda, anke jekk din hija l-prassi fil-pajjiz li trabbejt fih jiena, u cioe` li tnejn jizzewgu fi zmien qasir minghajr hafna dewmien u preparamenti kif hija l-prassi f'Malta".*

Illi b'*affidavit* tieghu **Abdelkadet Elkhiate** ddikjara:-

*"Jiena nigi hu l-konvenut Mustapha Elkhiate. Il-konvenut wasal Malta fl-1994, ftit snin wara li jien kont wasalt f'dan il-pajjiz, u kont fil-fatt irrangajtlu jiena stess ma' persuna mill-club tan-Naxxar li qalli li kien interessat jilghabu l-konvenut maghhom. Fil-fatt kien il-club li kien irranga kollox u kienu anke provdewlu appartament fejn joqghod. Huwa dejjem baqa' jilghab il-futbol u dan bhala l-professjoni tieghu".*

*"Xi xahar u nofs qabel iz-zwieg l-konvenut kien qalli li sab tfajla u li kien fi hsiebu jizzewwigha f'qasir zmien. Nghid li din hi l-prassi f'pajjizna, tant illi ghalkemm jiena ukoll*

*mizzewweg Maltija kont ilni nafha biss xi xahar meta izzewwigna. Il-preparamenti kienu ftit li xejn, anke peress illi hija ma kellux il-mezzi finanzjarji biex jixtru d-dar taghhom u allura kienu pjanaw li jibqghu jghixu fid-dar li hija kellu mikrija gewwa l-Mosta".*

*"L-attrici kienet tidher persuna responsabbli, kemm fil-kliem u kemm fl-ghemil taghha, pero` wara z-zwieg irrizulta' li l-attrici ma kienetx kapaci tassumi l-obbligi taz-zwieg. Peress li ahna konna noqghodu pjuttost vicin ta' xulxin, jien kont naqbez qabza ghand hija kuljum biex nara ghandux bzonn xi haga. Kien hemm meta bdejt nirrealizza li d-dar kienet mahmuga, li l-attrici ma kienetx qieghda tahsel l-hwejjeg u lanqas issajjar. Fil-fatt kont nara lil hija jahsel il-hwejjeg hu u ghal diversi drabi hu kien jigi jiekol ghandi. Inzid nghid, illi jiena qatt ma nzertajt lill-attrici fid-dar matrimonjali. Hija kien jghidli li l-attrici kienet marret ghand ommha".*

*"Fir-rigward ta' hija nista' nghid illi huwa dejjem kien impenjat bil-futbol izda l-attrici ma setghetx tifhem illi dan kien l-unika ntrojtu taghhom. Ghaliha, l-futbol kienet biss loghba u ghaldaqstant dan kien sors ta' diversi problemi fiz-zwieg. Nghid ukoll illi l-kultura differenti tal-kontendenti kien fattur iehor li holoq hafna problemi, u dan huwa fatt li jiena personalment esperjenzajt u li ssorvolajt biss b'impenn u sagrificcju kbir da parti tieghi u ta' marti. Nghid illi la l-konvenut ma kien dispost li jinbidel u jirrispetta l-kultura taghha u lanqas l-attrici ma kienet disposta li tirrispetta l-kultura u t-trobbija tal-konvenut. Minhabba dawn ic-cirkustanzi, hija l-opinjoni tieghi li l-kontendenti ghagglu wisq ghaz-zwieg u ma kellhomx ic-cans li jsiru jafu bizzejjed lil xulxin qabel dahhlu ghal dan il-pass importanti, iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra il-kulturi u l-personalitajiet divergenti tal-kontendenti, tant illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment f'qasir zmien".*

*"Nikkonferma illi l-konvenut kien mar il-Marokk hdejn missieri li kien marid serjament, u dan nista' nahlef ghalih peress li dak iz-zmien jien kont gej u sejjer il-Marokk minhabba f'din il-problema. Mustapha kien dam il-Marokk ghal xi tmien xhur, pero` l-attrici ma kienetx temmen li*

*Mustapha kien il-Marokk biex ikun hdejn missieru. Bil-mod li l-attrici kienet tistaqsini ghal Mustapha jiena kont nirrealizza li hija kienet suspettuza hafna. Meta l-konvenut irritorna Malta, l-attrici kienet diga marret toqghod id-dar ta' ommha u skond Mustapha rrifjutat li terga' lura fid-dar matrimonjali".*

*"Fl-opinjoni tieghi, l-attrici ma kienetx kapaci tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u oltre dan, peress illi l-partijiet ma kienux disposti jinbidlu, u b'hekk jirrendu l-hajja konjugali ta' bejniethom possibli, jfisser li l-kontendenti ma kienux kapaci jifmhu s-sinifikat veru taz-zwieg".*

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI U APPLIKAZZJONI TAL-LIGI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti dahlu ghal dan il-pass ghaz-zwieg bla ebda preparazzjoni ta' xejn la dik materjali u lanqas dik emottiva; marru ghac-cerimonja taz-zwieg civili u lanqas il-genituri tal-istess attrici ma attendew. Bdew jghixu f'post il-Mosta u l-hajja taghhom ta' kuljum kienet ghal kollox disktakkata minn xulxin bla ebda forma ta' relazzjoni tant li t-tnejn li huma qabblu li kienu qishom zewg srtanjieri jghixu taht l-istess saqaf; mhux hekk biss izda f'dan il-kaz l-attrici ma setghetx taccetta l-attegjament tar-ragel li jmur jilghab il-futbol u ma jaghmel xejn izjed, waqt li min-naha l-ohra l-konvenut, li kien anke gej minn pajjiz, kultura u religjon ghal kollox differenti minn dik tal-attrici, kien jippretendi li martu ghandha taghmel ix-xoghol tad-dar u xejn izjed, b'dan ghalhekk li l-partijiet baqghu assolutament bla ebda kuntatt rejali bejniethom tul iz-zwieg kollu.

Illi sahansitra jirrizulta li l-konvenut siefer lejn pajjizu ghaliex kellu lill-missieru ma jiflahx u dam hemm bejn tmien xhur jew sena, skond il-versjonijiet rispettivi tal-partijiet, u minn hemmhekk ma ghamel kwazi kuntatt ta' xejn ma martu, huwa jghid ghaliex kellu problemi finanzjarji, hija tghid ghaliex hekk ghazel li jaghmel, bil-konsegwenza li l-attrici telqet mill-ispeci ta' dar konjugali li kienet tghix fiha mal-konvenut, u marret lura d-dar tal-genituri taghha. Dan juri bl-iktar mod car in-nuqqas ta'

deskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga li kellhom il-partijiet rispettivi ghall-hajja mizzewga, fejn il-minimu ta' komunikazzjoni lanqas kienet biss tezisti, u huwa misteru ghal din il-Qorti kif il-partijiet waslu ghad-decizjoni li jizzewgu, peress li jidher li ma kien hemm l-ebda legami kwalunkwe bejn l-istess partijiet, ahseb u ara kunsens informat u matur dwar il-hajja mizzewwga ta' bejniethom, u l-elementi essenzjali tal-istess zwieg, u fil-fatt kif l-attrici sabet li l-konvenut kien siefer lejn pajjizu bla ebda inkwiet ta' xejn hija marret lura id-dar ta' ommha, qiesu iz-zwieg ifisser biss li jkollok dar ohra fejn toqghod, u kif tara li l-affarijiet mhux kif hsibthom int, terga' tmur lura id-dar tal-genituri tieghek; min-naha tal-konvenut ma jidhirx li tant inkwieta li siefer u lanqas ipprova jaghmel kuntatt ma' martu ghal dak iz-zmien kollu, u telaq lejn u gie lura minn pajjizu kif u meta ried, u meta gie lura accetta s-sitwazzjoni ta' martu bla ebda diffikolta' u fil-fatt il-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt pubbliku datat 12 ta' Ottubru 2001.

Illi fid-dawl tal-premess, din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz kien hemm biss il-formalita' civili tal-istess zwieg, u xejn izjed, u fil-fatt jirrizulta mix-xhieda prodotta li l-kunsens tal-partijiet kien vvizjat skond kif indikat fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milquha abbazi tal-istess disposizzjonijiet.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut kif effettivament kontenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-12 ta' Novembru 1998 huwa null u bla ebda effett legali u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 t'Ottubru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 t'Ottubru 2002**